# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta 22 ta' Diċembru, 2020**

**Rikors Numru 1167/20TA**

**Fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 598/2020 fl-ismijiet:**

**United Equipment Company (Unec) Ltd, soċjeta' bin-numru ta' reġistrazzjoni C10827**

**vs**

**BM Tunnels JV konsorzju magħmul minn (i) Bonnici Bros. Contractors Ltd (C 21406); u (ii) MDM Costruzioni Generali Srl, 'Codice Fiscale 03881750651'**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-rikors tas-soċjeta` rikorrenti tad-9 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-diversi digrieti tagħha;

Rat l-atti kollha fl-atti tar-rikors odjern;

Rat id-dokumenti kollha;

Otteniet l-informazzjoni li kellha bżonn fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020 fid-dawl tad-digriet tagħha tal-4 ta' Diċembru 2020;

Rat li s-soċjeta` Bonnici Bros. Contractors Limited ma għamlet ebda opposizzjoni għat-talba tas-soċjeta` rikorrenti billi ma weġbitx.

Il-Qorti tinnota li r-rikors odjern huwa konsegwenza tal-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru numru 373/2020 li ġie milqugħ fit-13 ta' Marzu 2020. Għalkemm il-Qorti riedet ċertu kjarifiki qabel ma tiddekreta r-rikors, jibqa' l-fatt li dan il-mandat illum għadu in vigore.

Dan ifisser li b'konsegwenza ta' tali mandat ma hux possibbli għal din il-Qorti li ma tilqax it-talba. Dan ser tkun qed tagħmlu mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra fil-liġi li l-partijiet jista' jkollhom.

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talba.

**Mogħti kameralment illum, 22 ta' Diċembru, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**